**TRIBUNAL GHAL TALBIET TAL-KONSUMATUR**

**CONSUMER CLAIMS TRIBUNAL**

MALTA

**Fit-Tribunal tal-Konsumatur**

Riccardo Farrugia

vs

Jason Zammit (Auto Dealer)

CCT G2/20/MS

30 ta' April 2021

It-Tribunal

Ra l-avviz tar-rikorrent ipprezentat fid-19 ta' Frar 2020 fejn talab lil dan it-Tribunal jikundanna lill-intimat ihallas is-somma ta' €2,500, prezz ta' karrozza mibjugha lill-intimat, liema somma qatt ma thallset mill-intimat.

Ra li l-intimat debitament notifikat bl-avviz tal-kawza u tas-smigh ma dahalx risposta u lanqas ma deher quddiem dan it-Tribunal meta hekk imsejjah, biex jaghti x-xhieda tieghu.

Ra l-atti kollha tal-kawza.

Sema' r-rikorrent jixhed taht gurament.

Ikkunsidra

Illi rrizulta mill-provi illi f'April jew Mejju tas-sena 2019 ir-rikorrent biegh lill-intimat karrozza Alfa Romeo ghall-prezz ta' €2,500. Ir-rikorrent ighid li hu kien accetta li jithallas sa' Gunju 2019, pero' peress illi l-intimat kellu problema ta' *cash flow*, ir-rikorrent accetta li jiehu karrozza ohra (Renault Clio) minflok il-hlas. L-intimat kien qallu li ser itih UK import u jaqleb il-pjanci minn barranin ghal Maltin. Gara pero' illi nonostante diversi skuzi u posponimenti, l-intimat baqa' ma tax il-karrozza lir-rikorrent u lanqas ma hallas l-ammont pretiz u kien hemmhekk illi r-rikorrent iddecieda illi jiehu passi kontrih. Fit-talba tiehgu, ir-rikorrent talab li jiehu jew ir-Renault Clio mehlusa minn kull spejjez, kew inkella s-somma ta' €2,500. Ir-rikorrent qal illi l-kwistjoni baqghet sejra anke sal-gurnata tal-kawza. Ir-rikorrent xehed ukoll illi fil-frattemp, l-intimat kien lahaq biegh l-Alfa Romeo u kien gabar il-flus taghha.

It-Tribunal ra wkoll l-iskambju ta messaggi esebiti mir-rikorrent li jikkorroboraw dak kollu illi xehed ir-rikorrent.

It-Tribunal innota wkoll illi r-rikorrent kien dispost li anke jiehu €2,000 minflok €2,500.

Illi l-intimat qatt ma deher biex jaghti l-x-xhieda tieghu u apparti li dan ma jawgura xejn tajjeb, it-Tribunak m'ghandux versjoni ohra illi b'xi mod tikkontrasta x-xhieda tar-rikorrent illi hija verosimili u kkoroborata minn messaggi u korrispondenza bejn il-partijiet. Fick-cirkostanzi, it-Tribunal m'ghandux triq ohra hlief li jilqa' t-talba tar-rikorrent.

Ghal dawn il-motivi, jaqta' u jiddeciedi illi jilqa' t-talba tar-rikorrent u jikundanna lill-intimat ihallsu s-somma ta' €2,500. Bl-ispejjes kontra l-intimat.

Michela Spiteri Av.
Arbitru